**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 6 ta' Awissu 2001.
Il-Pulizija,
(Spettur Joseph Agius)
vs
Jesmond Abela.

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi kontra:

Jesmond Abela ta' 24 sena, mwieled fl-1 ta' Settembru 1976 detentur tal-karta ta' l-identita` numru 0446176(M), bin Joseph u Rita mwielda Bianco, mwieled Tal-Pieta`, u joqghod 'Jeschrist', Triq il-Gizi, Fgura.

Akkuzat talli:

Fil-31 ta' Jannar 2001 ghal habta tal-11 ta' bil-lejl fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta limiti tal-Gudja, ippruvajt tohrog illegalment minn Malta munizzjon ta' arma tan-nar li kien jikkonsisti f'75 skartocc tas-senter ('Live G12') minajr il-licenzja mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4(1) ta' l-Ordinanza ta' l-Armi tal-Kapitolu 60 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' htija jkun hemm il-konfiska ta' l-istess munizzjon ai termini ta' l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-akkuza hija ta’ gurisdizzjoni originali taghha.

Semghet l-imputat seduta stante jammetti l-akkuza.

Semghet t-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat issibu hati tal-akkuza kif dedotta. Ikkonsidrat l-istqarrija ta' 1-imputat u l-fatt li proprjament l-imputat mhux ma kellux licenzja izda ittanta li johrog hamsa u sebghajn skartocc aktar milli kien intitolat.

Illi n-vista tal-fatt li l-qorti hija prekluza li tadotta l-Artikolu 9 tal-Kap 152 li forsi jadixxi ahjar ghal dan il-kaz sejra tikkundanna lill-imputat xahar prigunerija li qeghda tissospendi ghal sena mil-lum u dan wara li rat l-Artikolu 4(1) tal-Kap 66.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ittraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-‘tape’.

Albert  P. Calleja,
Dep. Registratur.